MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Numru. 240/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Stefano Caruana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stefano Caruana ta' 31 sena iben Louis u Antonia nee' Caruana, imwieled Pieta' nhar 20 ta' Jannar 1981 u residenti 29, Flt 2, Triq San Mikiel Bormla u detentur tal-karta tal-identita' numru 65981(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a) Fit-28 ta' Frar 2012 ghall-habta tad-9pm fi Triq Ghajn Dwieli, Paola kif ukoll fil-jiem ta' qabel din id-data

volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCL-975 tal-marka Toyota Cynos, liema hsara hija ta' aktar minn 116.57€ (mija u sittax-il Euro u hamsa u sebghin centezmu) imma inqas 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu) ghad-dannu ta' Carmelo Sciberras.

b) F'diversi okkazzjonijiet fl-istess perjodu u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra, u jew b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna ;

c) F'bosta okkazzjonijiet fl-istess perjodu u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss.

d) Fl-istess perjodu u cirkostanzi f'diversi okkazjonijiet bl-imgieba tieghu, holoq biza' lil Jesrena Sciberras mill-Fgura u lil Terry Vidal minn Haz-Zebbug li ser tintuza vjolenza kontrihom, jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' dixxendenti, axxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna ohra kif imsemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati datati 21 ta' Dicembru 2009 mohtija mill-Mag Dr. J Padovani Grima LL.D u 29 ta' Marzu 2011 moghtija mill-Mag Dr A. Mizzi LLD.

Kiser kundizzjonijiet b'ordni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Gudikatura Kriminali moghtija mill-Mag Dr. J Padovani Grima LL.D nhar il-21 ta' Dicembru 2009 skond att 7,21, 22, 23, 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Marzu 2012 (esebit a fol. 31 tal-process) sabiex dawn il-

proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta’ Marzu 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-1 ta’ Marzu 2012 u is-17 ta’ Mejju 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat s-sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt ukoll li l-parti civili Jesren Sciberras irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat u kkunsidrat l-fatt li l-partijiet solvew il-pendenzi ta’ bejniethom kif ukoll ikkunsidrat l-fatt li l-imputat hallas lura lil parti civili d-danni kollha involuti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 251A, 251B, 49, 50 u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 45 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’

sentejn(2) millum taht il-kundizzjonijiet kontenuti fl-anness digriet.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghall-Probation Services sabiex jinhatar il-kandidat idoneju sabiex jissorvelja lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------